**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Daryl Borg]**

**vs**

**Maurizio Zahra**

**Kumpilazzjoni Numru: 167/16**

**Illum, 9 ta' Lulju, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Maurizio Zahra detentur tal-karta tal-identita` numru 286179M akkuzat talli nhar il-25 ta' Marzu 2016 gewwa l-fond numru 117, Flat 2, Triq San Kristofru fil-Belt Valletta u f'dawn il-Gzejjer:-

1. Ikkommetta serq ta' gojjelerija u/jew oggetti ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeccedi l- mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jeccediex l-elfejn tlett mijja u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Luigia Buttigieg u/jew persuni ohra u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 263, 264 u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kif ukoll talli volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta' Luigia Buttigieg u/jew persuni ohra, liema hsara ma tiskorrix l-mitejn u hamsin euro (€250) u dan bi ksur tal-Artikolu 325(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet datat 09 ta' Settembru 2008 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dott. Consuelo Scerri Herrera LL.D. u dan bi ksur tal-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U kif ukoll talli dhalt gewwa residenza b'access restritt ghall pubbliku u cioe' l-fond numru 117, Flat 2, Triq San Kristofru, Valletta minghajr il-permess ta' Luigia Buttigieg u/jew persuni ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 330 (a) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmija reati, tirrevoka '*contrario imperio*' d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna r-rearrest ta' l-imsemmi Maurizio Zahra, kif ukoll tordna li s-somma ta' hames t'elef euro (€5,000) bhala depositu u garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati f'sentenza moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittivi w ma tistax tigi mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata erbgha (4) ta' April elfejn u sittax (2016) fejn ta l-kunsens tieghu sabiex dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti u l-istqarrijiet tal-imputat;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq allegat serqa fir-residenza ta’ anzjana Luigia Buttigieg fil-Belt fejn din ghamlet rapport li xi hadd kien seraqha meta hija kienet ghall-funzjoni tal-Gimgha l-Kbira nhar il-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Marzu elfejn u sittax (2016) u din is-serqa saret bi sgass. Fil-post instab turnavit allegatament tal-perpetratur.

Issa mill-provi migbura tul din il-kumpilazzjoni ma hareg xejn li jindika li l-imputat ikkommetta din is-serqa ghaliex l-uniku xhud okulari li kien hemm u cioe’ Armando Debono li inizzjalment kien iddentifika lill-imputat bhala dak li kien dahal fir-residenza tal-parte civile, sussegwentement u meta gie jixhed il-Qorti, dan ma gharfux. Inoltre’ johrog illi dan ix-xhud ibghati minn certi kundizzjonijiet mentali li allura seta’ facilment zbalja meta ra l-persuna. Apparti minhekk ma saritx identifikazzjoni formali bhal perezempju *identification parade* sabiex il-prosekuzzjoni tkun certa ta’ dak li kien qed jghid ix-xhud.

Illi di piu’ mill-komparazzjoni tal-marki tas-swaba misjuba fuq il-post u fuq it-turnavit ma’ dawk il-marki tas-swaba tal-imputat ma hareg xejn u l-espert Joseph Mallia jikkonferma li dawn ma humiex tal-imputat (Dok. JM).

Mehud dan kollu inkonsiderazzjoni u mal-istqarrijiet dettaljati u konvincenti tal-imputat (Dok. DB u Dok. DB1) li dejjem baqghu konsistenti anke meta xehed quddiem din il-Qorti kif presjeduta, ma tohrog l-ebda ombra ta’ dubju fuq l-innocenza tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat Maurizio Zahra hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Dep. Reg.**